**12 ta' Frar, 1965**

**Imħallfin**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C. B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Giuseppa Pulis

*versus*

Saverio Pulis

## SERVIĠI — BEJN PARENTI — META GRATUWITI

*Ir-regola segwita mill-ġurisprudenza reċenti hi li s-serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita sija pure minħabba relazjonijiet ta' parentela.*

*Fil-każ presenti jikkonkorru ċirkostanzi, li jiġġustifikaw il-gratuwita; il-vinkolu ta' konsangwinejta minn bint għal-missier hu tant viċin li jiġġustifika l-opinjoni ta' l-eżistenza ta' affezzjoni biżżejjed kbira biex twassal għal-sagrifiċju personali ta' entita kbira u għal żmien twil mingħajr l-intenzzjoni tal-ħlas.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi — peress li wara l-mewt ta' ommha Maria Rosa Pulis, għal aktar minn tlett snin irrendiet serviġi lil-kovenut u pprestatlu kuri u assistenzi, kif jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża, li tagħhom il-konvenut qatt ma ħallasha u anqas xi darba li tagħhom il-konvenut wegħda li jikkompensaha.

U peress li l-konvenut arbitrarjament sakkar magna tal-ħjata li tagħha l-attriċi kienet komproprjetarja u li hi kienet tuża għax-xogħol ta' ħjata u rakkmu għan-nies, b'mod li l-attriċi ma setgħetx tużaha, u għalhekk hi sofriet dannu *konsistenti f'telf ta' qliegħ għal diversi xhur* — talbet: (1) li jiġi likwidat il-kumpens lilha dovut mill-konvenut għar-raġunijiet imsemmija, jekk hemm bżonn anki permezz ta' periti nominandi; (2) li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilha s-somma hekk likwidata; (3) li jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenut hu responsabbli għad-danni li hi sofriet minħabba li hu nġustament ipprivaha mill-użu tal-magna tal-ħjata msemmija; (4) li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilha, in linea ta' danni, għar-raġunijiet imsemmija, dik is-somma li tiġi likwidata, għall-bżonn permess ta' periti nominandi, bl-interessi skond il-liġi, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-erbgħa u għoxrin ta' Awwissu, 1961, kwantu għas-serviġi, u ta' ittra tal-ħdax ta' Awwissu, 1960, u tal-protest tal-wieħed u għoxrin ta' Settembru, 1960, kwantu għad-dannu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha oppona, kwantu għas-serviġi, li l-attriċi, bintu, kienet tgħix u tiekol miegħu bi flusu, u li kien taha disgħa u disgħin lira f'żewġ somom u għalhekk ħadet flusu għal kwalsiasi serviġi li setgħet għamlet u li lanqas ma kellha dritt ta' kumpens relativ, u, kwantu għall-magna tal-ħjata, li din kienet ta' proprjeta komuni u għadha ma ġietx fid-diviżjoni, u

billi l-attriċi ħarġet mid-dar hu ma kienx obbligat jagħtihielha kontra l-volonta tal-komproprjetarji l-oħra.

Rat is-sentenza mogħtija fis-sitta u għoxrin ta' Mejju, 1964, mil-Qorti fuq indikata li biha ġew rispinti t-talbiet ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha, wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

Illi huwa *paċifiku fil-kawża li wara l-mewt ta' Maria* Rosa Pulis, rispettivament omm u mart il-kontendenti, l-attriċi, li qabel kienet taħdem bħala seftura man-nies marret toqgħod mal-konvenut fir-razzett tal-familja u damet iddur bih mid-data tal-mewt ta' ommha, l-għoxrin ta' April, 1957, sal-ħmistax ta' Settembru, 1960, perijodu ta' tlett snin u nofs, sakemm kellhom xi jgħidu u l-attriċi telqet mir-razzett tal-konvenut.

Illi l-attriċi kienet telqet mis-servizz tan-nies ftit ġranet qabel ma mietet ommha biex iddur biha għax oħtha l-oħra kienet ġa' miżżewġa. Meta mietet ommha baqgħet iddur b'missierha, li fil-bidu kien rikoverat li Sptar. Hi, fl-ebda ħin fix-xhieda tagħha ma allegat li l-konvenut, missierha, raġel ta' 69 sena, li milli jidher ma għandu l-ħadd ieħor min idur bih, wiegħdha li jikkompensaha, ħlief għall-prova orali li hija ppruvat iġġib li missierha kien irrikonoxxa dan id-debitu b'testment fejn kitbilha żewġ terzi tal-wirt tiegħu. Din hija prova wisq vaga u nċerta biex twassal "per se" għan-non gratwita esklusa mill-kompless tal-provi l-oħrajn.

Illi skond il-ġurisprudenza l-iżjed reċenti, bejn parenti, meta jikkonkorru ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw l-gratuwita, għaliex is-serviġi jkunu saru "familiaritatis causa", il-presunzzjoni komuni tan-non gratuwita taqa (Vol.

XXXVIII, II, 568), u l-Qorti f'dan il-każ hija soddisfatta li dawk iċ-ċirkostanzi jikkonkorru.

Illi l-attriċi fiċ-ċitazzjoni, qegħda tippretendi li l-kumpens huwa dovut "jure actionis," jiġifieri għaliex kien ippattwit. Anke jekk jiġi aċċettat li dan il-fatt għandu jiġi ndott mit-testment li l-attriċi semmiet fix-xhieda tagħha, u li l-kondizjonijiet tiegħu m'humiex magħrufa, jibqa dejjem li għall-perijodu tas-serviġi hija għexet ma' missierha bil-kera frank u kielet u libset mill-flus li kien hemm id-dar meta mietet ommha; mil-flus li huwa ssellef, u mill-pensjoni tax-xjuħ tiegħu. Kieku hi ma kienetx rikoverata minn tiegħu, għal dan kollu kien ikollha taħseb xort' oħra, u dan, fil-fehma tal-Qorti, meħudin in konsiderazzjoni l-grad viċin ta' parentela u n-natura ordinarja tas-serviġi prestati, jikkostitwixxi kumpens suffiċjenti, għaliex il-Qorti m'għandhiex fiċ-ċirkostanzi tal-każ tekwipara l-kumpens talvolta dovut mill-missier għal dawk is-serviġi ma' dak li l-attriċi setgħet taqla fis-servizz domestiku jew f'xogħol ieħor barra mid-dar. Is-serviġi prestati kienu komuni ta' xebba li ddur b'missierha u ma nvolvewx xi tbatija speċjali. Fl-istess ħin dar missierha f'dak iż-żmien kienet ta' l-attriċi stess, u t-tindif u l-faċċendi għalhekk għamlithom ukoll fl-interess tagħha nnifisha.

Illi lanqas ma jista jingħad li l-attriċi sborżat xi flus u baqgħet minn taħt fl-ispejjeż li ħarġet meta għexet mal-konvenut. Huma f'dan il-perijodu għexu prinċipalment bil-flus li ssellef il-konvenut; bir-rikavat ta' xi deheb li biegħ, u bil-pensjoni tiegħu. F'ċertu mument sata deher li l-attriċi fil-bidu tal-konvivenza tagħhom ħarġet ħamsin lira (£50) għall-ħajja komuni li minnhom, f'dak il-każ, kien ikollha tieħu nofshom iżda fl-aħħar deposizjoni tagħha l-attriċi kkontradiċiet ruħha u qalet li fl-ewwel perijodu, jiġifieri meta mietet ommha, kienet użat biex jgħixu, l-mitt lira

(£100) li kien hemm id-dar, u jekk huwa hekk allura tiġi iżjed milli mħallsa, u dana apparti s-somma ta' tletin lira (£30) li l-konvenut jippretendi, mhux mingħajr sospett fondat, li ħaditlu.

Illi, kwantu għat-talbiet tal-attriċi għad-danni minħabba li l-missier impediha mill-użu tal-makna tal-ħjata li kienet nxtrat fi żmien ommha, din peress li ma kienetx għadha saret id-divizjoni, ma kellhiex dritt esklusiv għall-użu tagħha, u kieku riedet tużaha, stanti l-opposizjoni tal-komproprjetarji l-oħra, jmissha rrikorriet il-Qorti għad-direttivi opportuni (art. 528, 531, Kodiċi Ċivili). Għalhekk id-domanda għad-danni lanqas ma' tista tiġi milqugħa.

Rat n-nota ta' l-appell tal-attriċi u l-petizzjoni tagħha għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza b'istanza li jiġu milqugħa it-talbiet tagħha bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-konvenut li jitlob il-konferma ta' l-istess sentenza.

Rat id-dokument prodott mill-appellanti waqt it-trattazjoni orali ta' dan l-appell fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Jannar, 1965.

Rat l-attijiet l-oħra kollha tal-kawża.

Rat l-attijiet tal-kawża fl-ismijiet "Pulis-Pulis", deċiża mill-*Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina* fit-tnax ta' Ottubru, 1960, li għaliha saret riferenza.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat;

Il-motivi ta' l-appell dedotti mill-appellanti fil-petizjoni tagħha jistgħu jiġu ridotti għal dawn li sejrin jiġu ndikati, iġifieri:

a) *Li kien hemm il-patt li l-appellat kellu jirrimuneraha f'testment għas-serviġi li kienet qegħda tirrendilu.*

b) Li ma jirrikorrux ċirkostanzi li jwaqqgħu il-presunzjoni tan-nongratuita ta' dawk is-serviġi.

c) Li ma jistax jiġi ritenut li ġiet retribwita għall-istess serviġi billi, fil-perijodu li fih irrendithom, għexet ma l-appellat, missierha, b'kera frank u kielet u libset mil-flus li kien hemm id-dar meta mietet ommha u mil-flus li hu kien issellef u mill-pensjoni tax-xjuħ tiegħu.

d) Li — kwantu għal makna tal-ħjata — ma setgħatx tiġi mpedita tagħmel użu minnha billi kull komproprjetarju jista jinqegħda bil-ħaġa komuni skond id-destinazzjoni tagħha u sakemm ma jinqedix biha kontra l-interess talkommunjoni jew b'mod li ma jħalliex lil-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha.

Riferibilment għall-ewwel motiv, ma jirriżultax milprovi li kien hemm xi patt bejn l-appellanti u l-appellat fissens li l-appellanti kellha tiġi rikompensata għas-serviġi li kienet qegħda tirrendi lill-appellat bħala bint lil missier li baqa fid-dar waħdu wara l-mewt ta' martu. Fix-xhieda tagħha l-appellanti lanqas ma qalet li kien hemm xi patt simili. Hija qalet biss li l-appellat għamel testment u ħallilha żewġ terzi (⅔) *mill-eredita tiegħu billi kienet* qegħda ddur bih, u min dan it-testment hi trid tinduċi stipulazzjoni ta' rikompensa; iżda, kif sewwa rritenit l-ewwel Qorti, min din iċ-ċirkostanza tat-testment waħedha min-

għajr provi ta' ċirkostanzi oħra ma jistax jiġi argumentat li ġie fil-fatt pattwit kumpens għall-imsemmijin serviġi.

Kwantu għat-tieni motiv, min żmien antik ġie ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li għalkemm bħala regola mhux dovut salarju għal serviġi jekk ma jkunx ġie konvenut, jew jekk min jippresta s-serviġi ma jkollux l-intenzjoni li jitħallas iżda l-prestazzjoni gratuwita tas-serviġi m'għandiex tiġi preżunta u l-animu li tagħti b'xejn l-istess serviġi u r-rinunzja għall kull retribuzjoni anke bejn konsangwinei jew affini, ma għandiex tiġi faċilment akkolta, meta taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari s-serviġi jkunu kkaġunaw risparmi lil dik il-persuna li lilha jkunu ġew prestati (Vol. VII paġ. 431). In segwitu f'xi sentenzi ġiet enunċjata r-regola illi s-serviġi personali prestati lil konsagwinei jew affini huma presunti resi mingħajr intenzjoni ta' kumpens pekunjarju sakemm ma jikkonkorrux ċirkostanzi tajba biex jiddistruġġu dik il-presunzjoni; iżda r-regola segwita mil-ġurisprudenza reċenti hi dik imsemmija mill-ewwel Qorti jiġifieri li s-serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratwita sja pure minħabba relazjonijiet ta' parentela *(Collez. XXXVIII, II, 568)*.

Fil-każ presenti jikkonkorru ċirkostanzi, riżultati mil-provi, li jiġġustifikaw il-gratwita; u, inveru, il-vinkolu ta' konsangwinita min bint għal missier hu tant viċin li jiġġustifika l-opinjoni ta' l-esistenza ta' affezjoni biżżejjed kbira biex twassal anke għal sagrifiċċji personali ta' entita kbira u għal żmien twil mingħajr l-intenzjoni ta' ħlas iġifieri li juru li ma kienx hemm da parti ta' l-appellanti f'dak iż-żmien intenzjoni li tirrendihom bi ħlas, u jiġġustifikaw l'opinjoni illi l-missier kien jaħseb li s-serviġi kienu qegħdin jiġu lilu resi min bintu gratwitament, speċjalment meta

wieħed *jikkunsidra li kienet qegħda* tgħix *fl*-istess dar miegħu u tiekol u tixrob u tilbes min flusu. Jista jiżdied illi s-serviġi ma kienux qegħdin jimpurtaw lill-appellanti sagrifiċji jew nkommodi speċjali, billi, kif irrilevat l-ewwel Qorti, kienu dawk komuni ta' xebba li ddur b'missierha.

Kwantu għat-tielet motiv li, naturalment, jgħodd biss kieku kellu jiġi ritenut li l-appellanti għandha d-dritt li tiġi rikompensata minħabba xi patt jew promessa jew għaliex ma jirrikorrux ċirkustanzi li jiġġustifikaw il-gratwita — ħwejjeġ li ġew kollha esklusi — l-appellanti ssottomettiet fil-petizjoni tagħha li ma setax jiġi ritenut li ġiet rikompensata bil-frankar tal-kera — billi kienet tgħix fir-razzett ma missierha — u b' l-użu, għall-għejxien tagħha, mil-flus li kien hemm fid-dar wara l-mewt ta' ommha u mir-rikavat tal-bejgħ ta' l-oġġetti tad-deheb, u dan għaliex hi kienet *komproprjetarja tar-razzett bħala waħda mill-eredi ta'* ommha u kwindi kellha d-dritt tagħmel użu min dak ir-razzett, u għaliex l-użu li għamlet mil-flus ġie meħud in kunsiderazjoni, u l-flus ġew imnaqqsin min sehma, fil-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ta' l-omm.

Pero, fit-trattazjoni orali tal-appell l-appellanti stqarret illi dik is-sottomissjoni ma kienetx korretta billi l-flus li ġew użati ma ġewx fil-fatt imnaqqsin min sehma, imma addebitati lil-appellat fil-likwidazjoni u diviżjoni ta' l-assi ta' l-omm, u dan jirriżulta mill-att tal-kawża li għaliha saret riferenza. Kwindi kienet għal kollox korretta l-ewwel Qorti meta qalet illi anke kieku kellu jiġi aċċettat li hu dovut kompens għaliex pattwit, il-fatt li fil-perijodu li l-appellanti rrendiet is-serviġi għexet ma l-appellat b'kera frank u kielet u libset mil-flus li kien hemm id-dar, mil-flus li l-appellat issellef u mil-pensjoni tax-xjuħ tiegħu, jikkostitwixxi kompens suffiċjenti meħudin in konsideraz-

joni l-grad viċin ta' konsagwinita u n-natura ordinarja tas-serviġi prestati.

Riferibilment għal l-aħħar motiv — dak li jirrigwarda l-magna tal-ħjata — mil-provi rriżulta li l-magna kienet ġiet mixtrija mill-omm waqt iż-żwieġ u kwindi, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, wara l-mewt ta' l-omm l-appellanti ma kelliex dritt esklusiv għal użu ta' dik il-magna u, stante l-opposizzjoni ta' wieħed mill-komproprjetari li tagħmel użu esklusiv minnha, imissa rrikorriet lejn il-Qorti biex dina tagħti l-provvedimenti meħtieġa konformement għal dak li hemm maħsub fl-artikolu 531 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-petizjoni tagħha l-appellanti ssottomettiet illi l-artikolu tal-liġi ċitat hu ntiż għal meta l-komproprjetarji ma jaqblux dwar l-amministrazzjoni u mhux dwar l-użu ta' beni komuni, imma waqt it-trattazzjoni orali ta' l-appell ammettiet li din is-sottomissjoni tagħha mhiex korretta, u, difatti, dak l-artikolu jiddisponi illi fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproretarji l-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar il-ħaġa in komuni: kienet kwindi għal kollox korretta l-ewwel Qorti meta ddeċidiet illi ġja la darba l'appellanti ma rrikorritx lejn il-Qorti sabiex tottjeni l-provvediment opportun, it-talba tagħha għad-danni, billi ġiet privata mill-użu tal-magna, ma tistax tiġi milqugħa.

Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti kwindi ma timmerita l-ebda ċensura u għalhekk:

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata bl-ispejjeż.